# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 572

Il-Ħamis, 21 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-11.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 572.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Il-Viċi Sindku Paul Mizzi, il-Kunsillier Alvin Grech u l-Ambaxxatur Lokali għażżgħażagħ talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 572.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 572.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

572.3.1 Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Green MT li jridu set ieħor ta’ Bring-in-sites u li dawk li hemm eżistenti fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża jitħarrku u jmorru f’post ieħor li jissuġġerixxi l-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ma qabilx li la jitħarrku l-bins eżistenti u lanqas li jkun hemm set ieħor.

572.3.2 Irċevejna rapport dwar fence li qed tagħlaq għalqa fi Triq Pejpu, fejn il-fejn inqalbet u nfetaħ l-aċċess għall-għalqa. Peress li l-għalqa qegħda fonda ‘l isfel, kien hemm il-periklu. Il-Kunsill għarraf lill-Pulizija b’dan u ħadu l-każ f’idejhom.

572.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-proposta ta’ traffic management fi Pjazza Orvieto/Triq Wenzu Mintoff. Huwa spjega li kellha laqgħa ma’ TM dwar dan u peress li d-diviżjoni tal-Edukazzjoni kienet applikat għal traffic management madwar l-iskola primarja, liema applikazzjoni ġiet approvata minn naħa tal-PA, il-Kunsill Lokali ħa jmexxi fuq traffic management miċ-Ċentru Ċiviku ‘l fuq. Il-Kunsill imbagħad jitkellem mal-FES dwar iz-zebra crossing fi Triq Ġużeppi Briffa biex naraw f’liema stadju tista’ ssir.

572.3.4 Dwar il-mesh bags li se nġibu għall-iskejjel f’Ta’ Kercem, il-Wasteserv ma tawniex minn naħa tagħhom. Għalhekk ser infittxu minn bnadi oħra.

572.3.5 Is-Sindku qal li kellmuna għal aktar charging pillars fir-raħal, jiġifieri tnejn oħra fi Triq il-Gamiem u tnejn oħra fi Triq il-Kalandrijiet. Il-Kunsill ma qabilx magħhom peress li qed innaqqsu l-parkeġġ u jibqa’ vojt.

572.3.6 Is-Sindku qal li se nkunu qed induru xi affarijiet madwar ir-raħal li ġibdu l-attenzjoni dwaru minn naħa tal-Dipartiment għal Gvern Lokali. Dawn jinkludi xi sinjali tat-traffiku u manutenzjoni żgħira oħra ta’ bankijiet, eċċ.

572.3.7 Is-Sindku semma li ħarġet skema ta’ restawr/restawr ta’ sqaqien minn naħa ta’ Eko Għawdex. Huwa ssuġġerixxa li jitranġa s-sqaq fi Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel ma’ dan.

572.3.8 Is-Sindku qal li waqa' ħajt tat-triq fi Triq Għajn Għabdul. Tlabna lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar biex itina l-konkos. Il-ġebel qed iġibu l-Kunsill.

572.3.9 Is-Sindku qal li ħarġet Ċirkulari SPI/SCI/06/2024 – Community Inclusive Employment Scheme 2024. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal tnejn minn nies bħala labourer/general hand jekk inkunu nafu b'xi ħadd. Il-Kunsill ser ikun qed jiffinanzja il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali.

572.3.10 Il-Kunsill Lokali ġie kkupjat f'email li ntbgħatet mill-Kappillan lil Transport Malta u s-Supretendent tal-Pulizija fejn il-Kappillan ġibed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet illi nhar il-Ħadd tal-festa, qabel il-Pontifikal, sar inċident fejn trakk tal-barrieri kaxkar barozza fil-jum tal-Ħadd. Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar wiegħed illi t-toroq alternattivi li kien ippropona l-Kunsill bħala rotta tat-trakkijiet, se jsiru b'fondi tal-Unjoni Ewropeja li diġa' ġew approvati u għandha ssir konferenza stampa dwarhom.

572.3.11 Il-Kunsill Lokali saritlu talba sabiex jieħu sehem fi proġett ta' INTERREG-STOP ma' Prof. Sebastiano d'Amico mill-Universita' ta' Malta fuq xi proposta fuq l-Għadira ta' Sarraflu. Il-Kunsill Lokali ser jitlob laqgħa ma' Prof. D'Amico sabiex niddiskutu u naraw eżatt x'għandu bħala proposta.

## 572.4 Fiera tal-Għadira 2024

Ġie diskuss illi bħas-soltu, il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jordna l-mobile toilets. Bħalissa qed titnaddaf it-triq minn tal-Public Cleansing u s-Sindku qal li jekk iridu, jistgħu ukoll jagħmlu użu mit-tinda.

## 572.5 Ħruġ ta' offerta għal serivzz ta' Accountant

Peress li dan il-kuntratt huwa magħluq, il-Kunsill Lokali iddeċieda illi jerġa' joħroġ din l-offerta.

## 572.6 Ħruġ ta' offerti marbutin ma' Miżura 3

Il-Kunsill qabel illi joħroġ l-offerti għal dawn li ġejjin:

- Offerta għal xiri ta' tinda
- Offerta għal xiri ta' information panel
- Offerta għal xogħolijiet infrastrutturali

## 572.7 Ilmenti u Suġġerimenti

Ma kienx hemm ilmenti jew suġġerimenti ulterjuri.

## 572.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 572.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fin-12.30pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' April, 2024 fil-11.30am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |